# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru 78**

**Citaz. numru: 2670/99 M1 NA**

**Catharina Harvey**

**vs**

**Dr. Peter Caruana Galizia nominat bhala kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Christopher Andrew Harvey**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-9 ta' Dicembru 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-konjugi Catharina u Christopher Andrew Harvey izzewgu fl-14 ta' Lulju 1990;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' swat, eccessi, mohqrija, sevizji w ingurji u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m'ghadhiex iktar possibbli;

Illi b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1999 l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza;

TALBET li din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-attrici u skond il-modalitajiet li din l-istess Qorti joghgobha tiffissa;

3. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gia' ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f'porzjonijeit skond il-ligi;

4. tapplika kontra l-konvenut l-Artikoli 48, 51, 52 jew kull Artikolu iehor applikabbli skond il-ligi;

5. tawtorizza l-attrici tirrisjedi fid-dar konjugali u tordna li l-konvenut ghandu jivvaka l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti in sostenn tat-talbiet taghha.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia bhala kuratur deputat ghall-konvenut b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-4 ta' Jannar 2000.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-istess kuratur deputat tat-18 ta' April 2000 fejn eccepixxa:

"*Preliminarjament:*

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti (Art. 741 u 742 Kap. 12) stante li l-konvenut huwa domiciljat l-Ingilterra u residenti l-Libya u l-attrici mhiex ta' nazzjonalita' Maltija u mhiex residenti hawn Malta izda prezenti biss fuq *tourist visa*;

2. L-irritwalita' tat-talba ghal manteniment minhabba fil-principju ta' *lis alibis pendens* (Art. 792 Kap. 12) stante li dina t-talba qieghdha gia quddiem dina l-Qorti fil-proceduri mibdija bic-citazzjoni numru 1518/98 NA differita ghat-22 ta' Mejju 2000;

*Fil-mertu u minghajr pregudizzju:*

3. Illi kienet l-attrici stess li tat lok ghas-separazzjoni minhabba l-agir taghha waqt iz-zwieg kif jigi trattat waqt il-kawza;

4. Illi l-ebda ammont mhux dovut mill-eccipjenti nomine lill-attrici bhala manteniment ghall-finijiet tat-tieni talba attrici stante li:

a) l-istess attrici hija kapaci tahdem u tmantni liha nnifisha kif fil-fatt ilha taghmel ghal dawn l-ahhar xhur u kienet taghmel qabel iz-zwieg;

b) zbankat l-ekwivalenti tas-somma ta' tmint elef erba' mija u disa' liri u disgha u tletin centezimi

(Lm8,409.39) minn kontijiet bankarji u *credit card accounts* tal-konvenut bejn April u Gunju 1998 u hadet pussess illegali ta' l-effetti personali ta' valur konsiderevoli ta' l-eccipjenti nomine;

c) iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minhabba f'adulterju ripetut u flagranti a tenur ta' l-Artikolu 48 (1) (d) Kap. 16;

d) lanqas biss ma gie stabbilit fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla (digriet 22.10.99) li l-attrici kien jisthoqqilha manteniment *pendente lite*;

5. Illi, rigward it-tielet talba, ma tezistix komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet stante li ma zzewgux f'dan il-pajjiz u ma stabilewx ir-residenza taghhom fih. Ghalhekk m'hemm xejn li ghandu jigi xolt u diviz;

6. Illi, rigward ir-raba' talba, l-Artikoli citati mill-attrici ma japplikawx ghall-kaz;

7. Illi rigward il-hames talba, kull-proprjeta' ta' l-eccipjenti hija proprjeta' partikolari tieghu li hu ghandu bzonn fil-perjodi meta ma jkunx qed jahdem il-Libya;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2001 gie miftiehem illi l-partijiet kellhom noti ta' osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, filwaqt illi d-difensur ta' l-attrici talbet differiment biex tirregola ruhha dwar it-tieni eccezzjoni. In-noti rispettivi gew ipprezentati, dik tal-konvenut nomine fil-21 ta' Frar 2001, bir-risposta ta' l-attrici tad-19 ta' April 2001. Il-Qorti rat dawn in-noti, id-diversi dokumenti li akkompanjawhom u semghet it-trattazzjoni finali ta' l-Avukati rispettivi fis-seduta tat-23 ta' April 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum peress illi ma jidhirx illi hemm xi ostakolu biex hekk tinghata.

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza preliminari (minkejja li tista' ukoll tkun wahda finali) hija immirata biss lejn l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine u cioe' n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Jinghad mill-bidu illi din il-kwistjoni legali hija distinta mill-kwistjoni l-ohra tal-ligi applikabbili li tista' ma tkunx il-ligi Maltija, anke f'kaz li l-Qorti tiddeciedi li hija ghandha fil-fatt gurisdizzjoni biex tiddeciedi l-kaz prezenti, izda tista' tkun xi ligi ohra li tigi ddikjarata l-*proper law* li ghandha tirregola din il-materja. Dan il-punt pero' kif kien ta' spiss ighid Professur tad-Dritt Internazzjonali Privat fl-Universita' ta' Malta "*are pleasures yet to come*" u f'dan l-istadju trid tigi biss investigata l-materja tal-gurisdizzjoni minkejja illi b'mod indirett, il-Qorti thoss, ukoll f'din il-kawza d-distinzjoni netta bejn iz-zewg kwistjonijiet ma gietx dejjem osservata mill-partijiet. Dan jinghad ghaliex sar enfazi sproporzjonat fuq l-istat tal-konvenut mentri bl-emendi li gew introdotti ghall-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att XXIV tal-1995 din l-enfazi ma kenitx necessarja u rikjesta.

Din il-Qorti nfatti kwazi waqghet fit-tentazzjoni illi tidhol f'ezami ta' l-istat legali preciz tal-konvenut li jahdem il-Libya, ghandu nazzjonalita' u domicilju Ingliz, pero' xtara proprieta' Malta. Filwaqt izda illi l-istat tal-konvenut jista' jkun rilevantissimu

ghall-fini tal-ligi li tirregola dan iz-zwieg, ghall-fini tax-xelta ta' gurisdizzjoni dan l-ezami kien ikun purament wiehed biss ta' valur akkademiku. Dan ghaliex l-Artikolu 742 (1) tal-Kapitolu 12 li jaghti gurisdizzjoni lil dawn il-Qrati jitkellem fuq kawzi "*li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija*" u s-sub-inciz (b) ta' l-istess Artikolu jipprovdi: "*Kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qieghdha Malta*". It-Test Ingliz jitkellem invece fuq "*concerning the persons hereinafter mentioned*" filwaqt illi s-sub-inciz (b) bl-Ingliz hekk ighid: "*Any person as long as he is either domiciled or resident or present in Malta*". Huwa ovvju li minghajr il-Qorti ma ghandha ghalfejn tezamina bil-lenti s-sinifikat tal-kliem "*qieghda*" bil-Malti jew "*presence*" bl-Ingliz hlief ghal dak li sejjer jinghad li, fir-rigward tal-gurisdizzjoni, jista' jkun biss residenti f'Malta l-attur u mhux necessarjament il-konvenut.

Il-kaz tal-Qorti ta' l-Appell "Sixt vs Sixt" deciz fl-14 ta' Frar 2000 jixbah lil dan il-kaz f'diversi aspetti. F'dik is-sentenza filwaqt illi l-Qorti ta' l-Appell dehret illi kienet sejra tipprova tirrestringi l-interpretazzjoni ta' x'kellu jkun il-presenza f'dawn il-Gzejjer xorta enuncjat il-principju illi: "*Il-fatt biss tad-domicilju, tar-residenza jew tal-presenza f'Malta teradika l-*

*gurisdizzjoni tal-Qrati biex jisimghu u jiddeciedu l-kawza.*" Ta' aktar importanza pero' ghall-fini ta' din is-sentenza gie accettat il-principju illi l-fatt li wahda mill-partijiet kienet qed toqghod Malta kien sufficjenti biex il-Qrati taghna jigu investiti b'gurisdizzjoni. Din il-Qorti thoss illi ma jistax ikun mod iehor ghax id-dicitura tal-ligi sew fit-Test Malti sew f'dak Ingliz hija daqstant cara.

Jirrizulta mill-provi li almenu l-attrici hija llum residenti Malta. Hija stess iddikjarat li mhux biss ilha tghix ghal Malta b'mod regolari u hlief ghal xi btala dan ghamlietu ghal diversi snin, izda li dan huwa l-pajjiz li hija tqiesu llum bhala l-post fiss tar-residenza taghha fejn qieghdha wkoll tfittex ix-xoghol u fejn, sa ftit zmien ilu, kienet ippruvat, tramite l-agenziji socjali lokali, dak iz-zmien flimkien ma' zewgha, tadotta tarbija. Sahansitra rrikorriet ghal-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati sew fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u sew f'din il-Qorti biex jinvestigaw l-ilmenti taghha kontra zewgha fejn talbet li tigi protetta fid-drittijiet allegati taghha. Ma jidhirx illi dawn il-fatti huma kkontestati u ghalhekk huwa zgur li l-attrici pprocediet quddiem dawn il-Qrati ghax fil-fatt tghix Malta u ma gietx hawn kapriccozament u semplicement biex tinizja dawn il-proceduri b'xi forma ta' *forum shopping*. Fil-fehma ta' din il-

Qorti l-ghixien taghha f'dawn il-Gzejjer huwa ferm aktar rilevanti ghall-fini tas-sub-inciz (b) ta' l-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mil-fatt li l-attrici ma ghandhiex *residence permit* ghax hawn ukoll il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni taghha li din hija semplicement kwistjoni amministrattiva.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine hija michuda bl-ispejjez u l-kawza differita ghall-ahhar darba biex l-attrici tirregola ruhha fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u, jekk ikun il-kaz, ghall-kontinwazzjoni fuq il-meritu.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.